

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1191****tal-20 ta' Lulju 2015****dwar in-nuqqas ta' approvazzjoni tal-*Artemisia vulgaris* L. bħala sustanza bażika skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 23(5) flimkien mal-Artikolu 13(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' April 2013, il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 23(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, mingħand l-*Institut Technique de l'Agriculture Biologique (ITAB)* għall-approvazzjoni tal-*Artemisia vulgaris* L. bħala sustanza bażika. Dik l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mill-informazzjoni meħtieġa skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(3).
- (2) Il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") għal għajjnuna xjentifika. Fil-25 ta' Awwissu 2014, l-Awtorità ppreżentat lill-Kummissjoni b'Rapport Tekniku dwar is-sustanza kkonċernata <sup>(2)</sup>. Fis-27 ta' Jannar 2015, il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport ta' analiżi <sup>(3)</sup> u l-abbozz ta' dan ir-Regolament dwar in-nuqqas ta' approvazzjoni tal-*Artemisia vulgaris* L. lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf.
- (3) Id-dokumentazzjoni li ressaq l-applikant turi li l-*Artemisia vulgaris* L. tissodisfa l-kriterji ta' oġġett tal-ikel kif iddefinit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>. Madankollu, ix-xorb alkoħoliku mill-ispeċi *Artemisia* huwa inkluż fil-Parti B tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(5)</sup>, li jistabbilixxi livelli massimi ta' ċerti sustanzi, li jkun preżenti b'mod naturali fl-aromatizzanti u fl-ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti, f'ċertu ikel kompost kif ikkonsmat li miegħu ġew miżjuda l-aromatizzanti u/jew l-ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti. Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008, fl-ikel kompost elenkat f'dik il-Parti B, il-livelli massimi ma għandhomx jinqabżu minħabba l-użu ta' aromatizzanti u/jew ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti. Għaldaqstant, l-ispeċi *Artemisia* ma tistax tintuża bħala oġġett tal-ikel mingħajr kwalifika.
- (4) Ġie identifikat tħassib speċifiku fir-Rapport Tekniku tal-Awtorità dwar l-esponiment għat-tujon, l-ewkaliptol u l-kamfor u r-riskju għall-operaturi, il-ħaddiema, il-persuni fil-qrib, il-konsumaturi u l-organiżmi mhux fil-mira.
- (5) Il-Kummissjoni stiednet lill-applikant iressaq il-kummenti tiegħu dwar ir-Rapport Tekniku tal-Awtorità u dwar l-abbozz tar-rapport ta' analiżi. L-applikant ressaq il-kummenti tiegħu, u dawn ġew eżaminati bir-reqqa.
- (6) Madankollu, minkejja l-argumenti mressqa mill-applikant, it-tħassib relatat mas-sustanza ma jstax jiġi eliminat.
- (7) Għaldaqstant, fir-rapport ta' analiżi tal-Kummissjoni ma ġiex stabbilit li r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huma ssodisfati. Għalhekk, jixraq li l-*Artemisia vulgaris* L. ma tiġix approvata bħala sustanza bażika.

<sup>(1)</sup> ĠUL 309, 24.11.2009, p. 1.

<sup>(2)</sup> Outcome of the consultation with Member States and EFSA on the basic substance application for *Artemisia vulgaris* for use in plant protection as insecticide/repellent on orchards, vineyards and vegetables (L-eżitu tal-konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-EFSA dwar l-applikazzjoni tas-sustanza bażika għall-*Artemisia vulgaris* biex tintuża għall-protezzjoni tal-pjanti bħala insettiċida/repellent fil-ġonna tas-siġar tal-frott, fid-dwieli u fil-ħxejjex). Il-pubblikazzjoni ta' sostenn tal-EFSA 2014:EN-644. 36pp.

<sup>(3)</sup> [http://ec.europa.eu/sanco\\_pesticides/public/?event=homepage](http://ec.europa.eu/sanco_pesticides/public/?event=homepage)

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠUL 31, 1.2.2002, p. 1).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolamenti (KE) Nru 2232/96 u (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE (ĠUL 354, 31.1.2008, p. 34).

- (8) Dan ir-Regolament ma jippreġudikax is-sottomissjoni ta' applikazzjoni oħra għall-approvazzjoni tal-*Artemisia vulgaris* L. bħala sustanza bażika skont l-Artikolu 23(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
- (9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Nuqqas ta' approvazzjoni bħala sustanza bażika**

Is-sustanza *Artemisia vulgaris* L. mhijiex approvata bħala sustanza bażika.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Lulju 2015.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER